KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

### Laqgħa Nru. *58/2016*

Data: It-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2016
Ħin: 6.30pm
Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti: Alison Zerafa Civelli – *Sindku*
Ivan Agius – *Viċi Sindku*
Noyah Spiteri – *Kunsilliera*
Pablo Cachia Belli – *Kunsillier*
Roderick Mamo – *Kunsillier*

Joseph Caruana – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: James Cauchi – *Kunsillier*
Alfred Attard - *Kunsillier*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Arisings
3. Pagamenti – Awissu, 2016
4. Rapport Finanzjarju tat-Tliet Xhur – April – Ġunju 2016
5. Review – Kuntratt KLBO 01/2014 – Cleaning of Council Property
6. Espressjoni ta' Interess – Skema għall-Immaniġġjar ta' Skart Riċiklabbli
7. Pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv
8. Mozzjonijiet
9. Korrispondenza
10. Aġġornament

---

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti – *58/2016*

### 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

*Qari u approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 57 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 2. Arisings

*Arisings*

2.1 Il-Kunsill iddiskuta minuta 4.1 rigward ħatra ta' evaluators wara li nfetħu t-tenders għal xiri ta' vettura tal-Elettriku N1. Fil-mument fadal li jinħatru l-*evaluators* u għaldaqstant it-tliet *evaluators* maħtura huma Dunacan Hall, Pablo Cachia Belli u Brian Loffreda jew is-sostitut Alfred Attard.

Fis-6.15pm daħlet il-Kunsilliera Noyah Spiteri

### 3. Pagamenti – Awwissu 2016

*Pagamenti – Awwissu 2016*

**3.1** Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar t'Awwissu, 2016.

Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni ta' Pablo Cachia Belli issekondata minn Roderick Mamo, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

### 4. Rapport Finanzjarju tat-Tliet Xhur – April-Ġunju 2015

*Rapport Finanzjarju tat-Tliet Xhur – April-Ġunju 2015*

**4.1** Is-Sur Brandon Camilleri spjega l-*accounts* tat-tliet xhur – April-Ġunju 2016 fejn qal li l-pożizzjoni u tmexxija finanzjarja reġgħet tjiebet.

**4.2** Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku Alison Zerafa Civelli ssekondata mill-Viċi Sindku Ivan Agius, ir-Rapport Finanzjarju kien unanimament approvat.

## 5. Review – Kuntratt KLBO 01/2014 – Cleaning of Council Property

*Review – Kuntratt KLBO01/2014*

**5.1** Il-Kunsill kien infurmat li l-kuntratt KLBO 01/2014 għat-tindif tal-Propjeta' tal-Kunsill wasal biex jagħlaq u jeħtieġ li jiġi rinovat. Il-Kunsill unanimament approva li l-kuntratt jiġi estiż bi ftit ġimgħat sakemm insibu sostitut preferibilment mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 6. Espressjoni ta' Interess – Skema għall-Immaniġġjar ta' Skart Riċiklabbli

*Espressjoni ta' Interess - Skema għall-Immaniġġjar ta' Skart Riċiklabbli*

**6.1** Is-Sindku qrat l-Espressjonijiet ta' Interess mibgħuta minn Green Pak u Green MT.

**6.2** Il-Kunsill wara konsiderazzjoni unanimament approva li jagħżel lill-Green MT għax offra li jagħmel żewġ ġabriet fil-ġimgħa.

## 7. Pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv

*Pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv*

**7.1** Il-Kunsill iddiskuta pożizzjoni ġdida ta' Uffiċjal Eżekuttiv fejn wara approva li mhux neċessarju li tinħoloq din il-pożizzjoni fil-preżent.

## 8. Mozzjonijiet

*Mozzjonijiet*

**8.1** Mozzjoni 18-2016 (VII)

*Qed nipproponi li l-Kunsill jinstalla U Bars fi Triq San Ġorġ għaliex il-vetturi qed jipparkjaw fuq il-bankina bil-konsegwenza li l-aċċess għall-garages qed ikun ostakolat.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli

Sekondant: Il-Kunsillier Alfred Attard

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

**8.2** Mozzjoni 19-2016 (VII)

*Peress li l-attivitajiet f'lejlet il-festa tal-Kunċizzjoni qed ikunu aktar iffukati fiż-żona ta' Triq Polverista, qed nipproponi li l-Kunsill jibda l-*

*proċeduri meħtieġa biex joħroġ permessi għal numru ta' Kiosks f'din it-triq.*

Mozzjoni: Il-Kunsillier Roderick Mamo

Sekondant: Il-Kunsilliera Alfrred Attard

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni

## 9. Korrispondenza

*Korrispondenza*

**9.1** Il-mina ta' Santa Liena (05/2827/16)

Is-Sur Matthew Tonna Gilford indika li hemm ħafna dlam fiż-żona tal-mina ta' Santa Liena fejn propona li f'okkażżjonijiet speċjali għandha tinxtegħel il-mina mill-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill approva li jżejjen il-mina ta' Santa Liena bid-dawl għaż-żmien tal-Milied mis-6 ta' Diċembru 2016 sas-6 ta' Jannar 2017.

**9.2** Eurpean Week of Regions and Cities (05/2808/16)

Wara stedina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nipparteċipaw fil-European Week of Regions and Cities fi Brussell, il-Kunsill m'approvax li jipparteċiepa f'din l-okkażżjoni.

**9.3** Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira (05/2612/16)

Is-Sur Jake Cutajar talab lill-Kunsill biex itellgħa wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsill unanimament approva li jagħtih permess fis-sala fejn isiru l-laqgħat tal-Kunsill.

**9.4** Parking Attendant

Is-Sur Emanuel Falzon talab lill-Kunsill permess biex jibda joqgħod fil-parking area ta' Triq il-Karmnu.

Il-Kunsill unanimament ma laqax it-talba tas-Sur Falzon għax jixtieq li l-area tintuża għall-parkeġġ liberu.

**9.5** <u>Binja għal Child Care Centre (05/2702/16)</u>

Il-Kunsill unanimament ma laqax it-talba tas-Sinjura Amanda Bezzina biex tiftaħ Child Care Centre f'Bormla għax il-Kunsill m'għandux bini li jista jintuża għal dan il-għan.

**9.6** <u>Talba għall permess għall-Vending Machine (22/08/2016)</u>

Il-Kunsill m'approvax li jilqa t-talba tas-Sur Adrian Brunell li jingħata permess għal Vending Machine tas-Soft Drinks fid-Dock no 1 għar-raġuni li se jibda x-xogħol tar-restawr tal-bini li hemm mad-dock.

**9.7** <u>Attendenza tal-Kunsilliera</u>

Is-Sindku qrat l-ittri tal-Kunsilliera assenti u l-Kunsill unanimament approva l-assenza tagħhom bħala skużabli u ġustifikata.

## 10. Aġġornament

*Aġġornament*

**10.1** Fid-9.00pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa wara li l-agenda ġiet eżawrita u aġġornata għal Ħamis 6 t'Ottubru, 2016 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMAT |
| ***Alison Zerafa Civelli*** | ***Joseph Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 06-10-2016